FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

23 ta' Dicembru 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Erbghin (40) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-Erbghin (40) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tlieta 16 ta' Dicembru 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh
10. Skema ta Parkegg residenzjali
11. Soft Area Hdejn il-Lukanda Excelsior
12. Jum il-Housing 2015
13. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta` L-art Mekkanizzat
14. Traffiku u Parkegg
15. Bankini Balzunetta
16. Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna
17. Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi
18. Programm ta Hidma 2012-2015
19. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
20. Attivitajiet konguntì ma` ghaqdiet/entitajiet lokali
21. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Erbghin (40) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**L-Ambaxxatur Lokali taz-Zaghzagh, is-Sur Jean Zarb, ma kienx prezenti**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-disgha u tletin (39) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.2 (39) li ghandha taqra "kwotazzjoni ghall-materjal, jekk sar hekk f'kaz precedenti."

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.5 u 3.10 (39) fejn ippropona li dawn iz-zewg materji jinghaqdu flimkien. Is-Sindku qal li ladarba l-minuti ma kienux skorretti allura kellhom jithallew kif inhuma.

1.4. Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 6.1 (39) u talab li tigi annessa skeda tal-hinijiet tal-ufficcju mal-minuti.

1.5. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 19.5 (39) li ghandha taqra "Triq San Publju u Triq il-Miratur."

1.6. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.7. Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.8. Il-minuti msemmija f'1.7 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.3 (39) u saqsa jekk kinietx intalbet kwotazzjoni ghall-pubblikazzjonijiet tal-Floriana Heritage Trail. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ghadu qed jistenna l-mappa l-gdida sabiex ikun jista' jipprocedi. Is-Sindku qal li ghandu jghaddi l-mappa fil-jiem li gejjin.

2.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jinsab informat li t-tabelli li hemm hdejn il-monument tal-Indipendenza m'humiex korretti u qal li ser jipprova jsib id-data l-korretta sabiex dawn it-tabelli jitrangaw. Is-Sindku qal li hemm bzonn li jsiru wkoll it-tabelli li naqsu bhalma huma dawk tal-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Provincjal sabiex jivverifika l-informazzjoni qabel ma tigi ordnata t-tabella. Il-Kunsill qabel.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materji nru 2.62 u 2.65 (39) u saqsa kif kienu ser isiru d-donazzjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm zewg alternattivi: id-donazzjonijiet setghu jitnaqqsu mill-remunerazzjoni tal-kunsillieri jew il-kunsillieri setghu jaghtu cheque/flus kontanti li jingabru u jigu mghoddija flimkien. Il-Kunsill qabel li l-kunsillieri jaghtu d-donazzjonijiet permezz ta' flus/cheque huma. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li d-donazzjonijiet jinhargu f'isem il-Forum Rigenerazzjoni Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materji nru 2.8 (39) u saqsa x'kien sar fir-rigward ta' dan il-kuntrattur. Is-Sindku Nigel Holland informa li l-kuntrattur ma setax jigi mharrek minhabba li kien ghadda z-zmien. Is-Sindku kompla billi qal li kien hemm kaz iehor apparti dan fejn il-kuntrattur kien gie jnehhi l-iskip mill-ewwel.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materji nru 3.1 (39) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-materja tar-robolts. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hu kien tkellem mal-kuntrattur li kien informah li ma kienx ser jibqa' jinsisti fuq din il-materja.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materji nru 3.3 (39) u saqsa x'kien sar fir-rigward ta' din il-materja. Is-Sindku Nigel Holland informa li matul il-laqgha li nzammet ilbierah mal-kuntrattur, kienu gew diskussi l-artwork u d-disinn tal-isticker. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jipprocedi billi jitlob stima minghand stampatur. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ghandu jibghat kopja tal-artwork finali lill-kunsillieri. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur sabiex itih id-dettalji ta' kull kaz li ghalih kellha titwahhal sticker bhal isem tat-triq, dettalji, ecc. Il-Kunsill qabel.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materji nru 4.3 – 4.36 (39) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-pjattaforma tal-konkos ta tower crane, li thalliet fi Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien kiteb lill-persuna li kienet ghamlet il-permess relevanti u talbu jigi jhallas. Huwa zied jghid li l-persuna kien hallas il-kont pendenti kif ukoll permessi sa Marzu 2015.

2.8 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-materja precedenti u qal li kien gie avvicinat minn xi residenti li lmentaw li din il-pjattaforma kienet ingombru irrispettivament jekk il-kuntrattur kienx qed ihallas il-permessi jew le. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaghti cans sa Marzu 2015 li jkomplu l-izvilupp fuq id-dar fejn kien hemm il-pjattaforma u jekk dan ma jsirx, jesigi li din ghandha titnehha. Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu kien tkellem mac-Chairman tal-MEPA u nformah b'dak li kien ghaddej. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien gie avvicinat mill-MEPA fejn informahom li l-kuntrattur kellu l-permessi kollha mhallsin sa Marzu 2015. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-iktar haga li tinkwetah huwa l-fatt li din il-pjattaforma kienet perikoluza immens u jinsab inkwetat minhabba n-nuqqas ta' mizuri ta' sigurta' li qed jittiehdu f'dan ir-rigward bhalma huwa n-nuqqas ta' dawl adegwat, ecc. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu strettament jenfasizza li jkun hemm id-dawl necessarju u jekk dawn il-mizuri ma jittiehdux allura ghandu jiehu l-azzjonijiet necessarji.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 12.4 (39) u ghal li kienet saret Perit u l-kuntrattur rigward il-progett ta' taht il-Forka. Huwa qal li kien ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mill-gdid mal-Ministru Emanuel Mallia izda minhabba li dan m'ghadux jokkupa il-kariga ministerjali, kien ser jipproponi li l-laqgha tintalab mal-ministru l-gdid, l-Onor Carmelo Abela. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jinsab imhasseb minhabba li l-kuntrattur u l-perit li kienu qed jahdmu fuq il-progett ma kienux taw l-istess assigurazzjoni li ta l-Ministru. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jitlob laqgha mal-Ministru l-gdid hekk kif propost.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 13.6 (39) u qal li hu kien diga ssuggerixxa post adegwat fejn setghu jintremew il-boroz.

2.10.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jinholoq post maghluq fi Triq l-Argotti kantuniera ma Triq il-Mall li fih ikunu jistghu jintremew il-boroz tal-iskart.

2.10.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li minkejja li jifhem is-suggeriment tal-Kunsillier Borg, jibza li permezz ta' din id-decizjoni, ser tinholoq *dumping site*.

2.10.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jrid jinstab post bilfors minhabba li l-boroz ma setghux ikomplu jithallew fuq il-bankina sakemm jingabru mill-kuntrattur. Huwa kompla billi qal li li tal-anqas il-boroz jibdew jintremew f'post maghluq.

2.10.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma kienx hemm mod li tassigura li dan il-pjan jahdem u li ma jkunx hemm minn jabbuza minn dak li gie propost.

2.10.5 Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li minflok jaghmel skip u li magenba ssir tabella li tinforma li din l-iskip kienet strettament ghall-uzu tar-residenti u li min jinqabad jabbuza kien ser jigi mharrek.

2.10.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel skip temporanja sabiex jara kif tizvolgi.

2.10.7 Is-Sindku qal li r-residenti kellhom jinghataw cavetta kull wiehed u dan sabiex jitnaqqas l-abbuz.

2.10.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma setax jifhem kif kienet ser titbattal l-iskip u kien ghalhekk li kien ippropona li ssir kamra minhabba li l-process kien ehfef.

2.10.9 Is-Sindku qal li ma jaqbilx mal-post issuggeriet minhabba li jhoss li din kienet ser tikkawza l-problemi.

2.10.10 Minhabba li ma kienx hemm qbil dwar ebda suggeriment rigward din il-materja, il-Kunsill qabel li ghandu jippostponi d-diskussjoni u li l-kunsillieri jkomplu jahsbu f'soluzzjoni ahjar.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kawza legali ta' DJS Trading u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku Nigel Holland qal li kien iddizappuntat minhabba li l-Avukat tal-Kunsill kien ghadu m'ghamilx kuntatt mal-Avukat taghhom kif kien gie deciz fl-ahhar laqgha. Huwa kompla billi qal li kien ser jipproponi li l-Kunsill jibda l-proceduri biex jittiehdu passi legali kontra DJS Trading. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li ghandu jinforma lill-Avukat li minkejja li xtaq li jintlehaq ftehim amikevoli, ghandu l-approvazzjoni sabiex jibda' l-process ghall-mizuri legali.

## <u>3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien miet is-Sur Joe Burnell, li ghamel zmien sekondat mal-Kunsill u ppropona li l-Kunsill jibghat il-kondoljanzi tieghu lill-familja. Tali proposta giet issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, u approvata unanimament.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Ray Debono Roberts u stieden lis-Sur Debono Roberts sabiex jinghaqad mal-mejda, sabiex tigi diskussa il-proposata tieghu ta Muzew fil-Bini tal-Kunsill, fid-dettall

**<u>Nota: 18:12 Il-laqgha giet sospiza sabiex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mas-Sur Ray Debono Roberts.</u>**

**<u>18:49 Il-laqgha tal-Kunsill tkompliet.</u>**

3.3 Il-Vici Sindku ghamel riferenza ghall-materja nru 3.2 u qal li hu jaqbel mal-progett ta Muzew fil-principju. Il-Kunsill qabel mal-principju u qabel li ghandu jipprocedi.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal kaz ricenti fejn il-kuntrattur li jaghmel il-gabra tal-iskart goff kien faqa' tappiera tal-plastic fi Triq l-Iljun bil-vettura. Huwa kompla billi qal li l-kuntrattur kien informa li jekk il-Kunsill kien ser jimmultah ta' din il-hsara, allura kien ser jirrifjuta li jaghti servizz f'din it-triq u f'toroq simili qed ikunu ta' diffikulta'.

3.4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma kienx gustifikat li biex wiehed jaghti servizz, ghandu

jaghmel il-hsara. Huwa qal li jifhem li jekk kellu xi forma ta' diffikulta' kellu javvicina lill-Kunsill.

3.4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma setghetx tifhem ghalfejn il-gwardjani lokali ma kienux qed iharrku lill-vetturi li ma jkunux ipparkjati tajjeb.

3.4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill jimmulta lill-kuntrattur tal-hsara li ghamel u titolbu jinforma lill-Kunsill kull meta tkun qed tinholoq xi diffikulta'. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bis-suggeriment maghmul mill-Pulizija tar-ronda fejn kienu talbu li jsiru iktar bins magenb il-Floriana Health Centre. Is-Sindku ppropona li tintalab stima ghall-bins tal-metall. Il-Vici Sindku ppropona li l-bins ikollhom fejn wiehed jarmi s-sigarett. Il-Kunsill qabel.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien ircieva memo interna dwar l-ispazji pubblici u z-zoni miftuha. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jghaddi l-informazzjoni mitluba kif ukoll jaghti t-taghrif kollu possibli. Huwa talab lill-kunsillieri sabiex jghaddu l-ideat taghhom malajr kemm jista' jkun sabiex tkun tista' tintbaghat l-informazzjoni kollha.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kwistjoni tal-bollards u qal li l-hlas tal-MEPA ghall-appell talkien ta' madwar €186. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jhoss li hafna mir-ragunijiet moghtija mill-bord kienu ragunijiet personali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-appell jista' jdum xhur ma jinstema u gieli anke snin. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi billi jappella d-decizjoni.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Segretarju tal-Grupp Hidma San Publju fejn offrew lill-Kunsill jorganizza harga ghal Ghawdex konguntament maghhom. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar tard matul materja nru 20.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-kunsillieri li s-servizz ta' gbir ta' skart goff li l-Kunsill jaghti lir-residenti ma kienx jinkludi fih gbir ta' terrapin u skart industrijali.

3.9.1 Huwa kompla billi qal li l-kuntratt li l-Kunsill ghandu mal-kuntrattur kien jaghti d-dritt lill-kuntrattur li ma jigborx tali skart.

3.9.2 Is-Sindku kompla billi qal li wara li tkellem mal-kuntrattur, dan kien offrilu li jibda' jaghti dan is-servizz addizzjonali ghall-prezz ta' €50 kull tunnellata ta' terrapin.

3.9.3 Is-Sindku ppropona li jibdew jingabru sa massimu ta' zewg xkejjer kull resident u li f'kaz li l-ammont jeccedi dak stipulat, allura r-resident ghandu jintalab igib skip.

3.9.4 Gie diskuss ukoll li jinholoq massimu ta' zewg xkejjer fil-gimgha. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma jaqbilx minhabba li jhoss li din kienet tohloq problemi fejn xi residenti jallegaw li l-Kunsill ikun qed jaghmel xi preferenzi ma' xi whud.

3.9.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jekk ikollhom x'jarmu, ikun hemm min jasal jitfaghhom anke fit-triq jekk ma jingabarx mil-Kuntrattur u b'hekk il-Kunsill ikollu jigborhom xorta.

3.9.6 Ghalhekk il-Kunsill qabel li jhalli l-kuntratt kif inhu u li jekk ikun hemm residenti li jkollhom bzonn jarmu t-terrapin, dawn ghandhom jiddispondu minnhom fis-Civic Amenity Sites bhalma jsir bnadi ohra.

3.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-attivita tal-Milied li jsir ta' kull sena fid-dar tal-Anzjani u ppropona li l-Kunsill jaghti tifkira. Il-Kunsillier Borg issuggerixxa li din tinghata t-Tlieta filghodu. Il-Kunsill qabel u qabel li ghandu jitlob li din it-tifkira tinghata meta l-anzjani jkunu kollha migburin

flimkien.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kellux hsieb dwar l-applikazzjonijiet ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea. Huwa kompla billi qal li s-Sur Alfred Triganza kien ipproponilu li l-Kunsill jidentifika numru ta' ideat u progetti li jixtieq japplika ghalihom biex hu jkun jista' jinformahom meta jkun hemm xi fond li l-progett ikun eligibbli ghalih.

4.1.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Kunsill ghandu f'mohhu zewg progetti li jistghu ikunu eligibbli, wiehed minnhom il-progett tal-mina tal-ferrovija.

4.1.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li s-sovrintendenza tal-patrimonju kulturali kienet oggezzjonat ghal dan il-progett minhabba li l-mudell tal-ferrovija kien ser jaffetwa lis-sur.

4.1.3 Is-Sindku qal li ma jistax jifhem din id-decizjoni minhabba li tali progett ma kienx ser jaffetwa l-ebda parti mis-sur.

4.1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din kienet simili ghar-risposta li nghatat ghall-proposta tal-Kunsill rigward it-tnehhija tas-sigar minn quddiem il-Knisja tal-Metodisti li kienu qed jaffetwaw il-veduta tal-faccata ta' post daqshekk storiku apparti li l-gheruq tas-sigar kienu qed jghollu u jkissru l-bankina. Huwa qal li din ir-risposta kienet inghatat minkejja li l-Kunsill dejjem kien zied ammont ta' sigar fejn seta'.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward is-sleeping policemen proposti fl-ahhar laqgha. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li kien ser jiehu passi biex jintalab permess ghal dawn is-sleeping policemen. Huwa zied jghid ukoll li kien ser jiehu hsieb li ssir sleeping policeman hdejn Massimo Butcher.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet kemm-il darba suppost jitbattlu l-bring-in sites ta' Triq Vincenzo Dimech u jekk hux qed isir moniteragg f'dan ir-rigward.

4.3.1 Is-Sindku qal li matul il-laqgha li nzammet il-gurnata ta' qabel, fejn kienu prezenti l-Kuntratturi tal-Kunsill u li ghaliha setghu jattendu l-Kunsillieri, kien gie diskuss kif jista' jigi ameljorat l-operat tal-bring-in sites fejn kienu gew imqajjma diversi punti u suggerimenti.

4.3.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li idealment dawn kellhom isiru taht l-art bhalma jsir f'pajjizi barra minn Malta.

4.3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm suggeriment biex il-bring-in sites isiru hdejn il-bieb falz li hemm tal-Argotti izda dan kien ser iwassal biex jitnehhew xi spazji tal-parkegg.

4.3.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kellu jahdem sabiex jikkonvinci lill-kuntrattur sabiex jigbor l-iskart li jkun hemm madwar il-bring-in sites.

4.3.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li meta dawn jitbattlu, jaqa' xi hmieg minnhom li ma jitnaddafx. Huwa qal li kien hemm bzonn li jsir it-tindif necessarju anke wara li jitbattlu.

4.3.6 Is-Sindku talab lill-kunsillieri sabiex tali suggerimenti jitressqu lis-sottokumitat tal-ambjent u indafa pubblika sabiex ikunu jistghu jiddiskutuhom u jiehdu passi biex l-operat jitjieb.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-minuti tas-sottokumitat tal-Harsien tac-Citradin u Ordni Pubblika.

5.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghal suggerimenti li tressqu mill-membri tas-sottokumitat.

5.3 Is-Sindku ppropona li il-Kunsilliera jevalwawom u jigu diskussi fill-laqgha tal-Kunsill li jmiss

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 99-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12436 sa 12440, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh

9.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi nominazzjonijiet ghall-ambaxxatur lokali taz-zghazagh.

9.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien irnexxielu jahseb f'xi hadd izda mhux fl-*age bracket* rikjesta.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona lis-Sinjorina Maria Rosa Grima li kienet diga tat kontribut kbir lil-lokalita' kif ukoll rebhet il-Premju ghat-Tfal u kienet membru tal-Kunsill Lokali ghat-Tfal u President tal-ekoSkola. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment.

## 10.0 Skema ta Parkegg residenzjali

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien iccirkola abbozz li kien jinkludi fih ir-regoli

u l-kundizzjonijiet tal-iSkema ta' Parkegg Residenzjali.

10.2 Il-Kunsill issuggerixxa li dan l-abbozz jigi diskuss fil-laqgha li jmiss sabiex kulhadd ikollu cans iduru sew.

10.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li minflok, isir workshop qabel il-laqgha li matulu ssir id-diskussjoni biex fil-laqgha jitressqu biss l-emendi u l-alterazzjonijiet. Il-Kunsill qabel.

**<u>Nota: 19:35 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**

## <u>11.0 Soft Area Hdejn il-Lukanda Excelsior</u>

11.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li s-Sur Julian Holland kien ikkuntattjah rigward pjanti selvaggi li hemm hdejn il-lukanda. Huwa kompla billi qal li kien mar fuq il-post u kien tkellem mal-kuntrattur sabiex jitnehhew.

11.2 Il-Kunsillier Borg ressaq kwotazzjoni ghat-tnehhija ta' dawn il-pjanti mill-gheruq, total ta' €350 + VAT.

11.3 Il-Kunsillier Borg qal li minflok dawk il-pjanti ser jinzraw pjanti tal-lantana. Il-Kunsill qabel.

**<u>Nota: 19:38 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.</u>**

11.4 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bil-bankina li hemm faccata tal-Grand Hotel Excelsior u ppropona li din tigi rrangata u ssir tal-concrete. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jitlob lill-Perit sabiex itih stima ghax-xoghol ta' trangar.

**<u>Nota: 19:42 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

11.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-progett ghandu jibda mal-ewwel gimgha ta' Jannar.

## <u>12.0 Jum il-Housing 2015</u>

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien pogga din il-materja fuq l-agenda sabiex il-kunsillieri jghaddu s-suggerimenti taghhom dwar x'jista' jsir f'dan il-jum.

12.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma jaqbilx li ssir biss konferenza stampa u ssuggerixxa li jsir 'trail' fejn jigu identifikati siti li fihom jista' jsir l-izvilupp jew xi progetti.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku sabiex jipprepara abbozz ta suggeriment sabiex il-Kunsill ikun jista' jipprocedi. Il-Kunsill qabel.

**<u>Nota: 19:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

## <u>13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta` L-art Mekkanizzat</u>

13.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar l-applikazzjonijiet mill-kmamar tan-nar. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kellux dettalji f'idejh dettalji dwar l-

applikazzjonijiet.

13.2 Is-Sindku talab li jigi kkuntattjar is-Sur Noel Castillo sabiex il-Kunsill ikun jista' jzomm ruhu aggornat ma' x'kien qed isir fir-rigward tal-edizzjoni tal-festival.

13.3 Is-Sindku kompla billi qal li waqt laqgha li saret ricentament fuq skemi ta ghajnuna mill Gvern Centrali ghall-attivitajiet mal-Kunsilli Loklai ntqali li kien gie nformat li l-attivitajiet li ser ikollhom sostenn mill-Gvern kellhom ikunu attivitajiet li b'xi mod jipprogettaw l-identita' ta' Malta u iktar u iktar vis ~a vis l-Ewropa.

13.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li attivita' bhalma hu l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art kienet attivita' ideali minhabba li tilhaq dan l-iskop.

13.5 Fir-rigward tal-attivita' Genna ta' Gonna... u hafna aktar!!, is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li jinbidel l-isem ghal Genna ta' Gonna: Kultura u hafna aktar!! dan sabiex tkun tista' tinvolvi aspetti ohra minbarra l-gonna u l-postijiet pubblici. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li ghandu jinbidel l-isem specjalment ladarba ma kienx hemm garanzija li tali applikazzjoni tintlaqa'.

13.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jaghmilha cara fl-applikazzjoni li f'din l-attivita' tinvolvi hafna entitajiet lokali u nazzjonali kif ukoll tesponi ammont ta' postijiet storici bhalma hu Msida Bsation Historic Garden li fih hemm midfunin nies ta' nazzjonalitajiet differenti.

13.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jinvolvu wkoll il-MEPA li ghandhom fil-kollezzjoni taghhom ammont ta' ritratti antiki immens li huma esklussivi ghalihom biss.

13.8 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa li l-Kunsill jaghti attenzjoni ghall-applikazzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u ressaq proposta sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jgib xi nies li jahdmu n-nar dakinhar filghodu stess tal-attivita' waqt li jkunu qed jintramaw l-irdieden u jaghtu informazzjoni fuq it-tradizzjoni. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti.

13.9 Is-Sindku qal li tkun idea tajba li jkun hemm anke xi hadd fuq il-Fosos li jispjega lin-nies kif jinhadem in-nar waqt li jkun hemm xi nies ohra li jkunu qed jaghmlu dak ix-xoghol dak il-hin stess. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li n-nies li jkunu qed jahdmu n-nar ma jkunux parti minn xi kamra tan-nar li tkun qed tiehu sehem fil-kompetizzjoni.

13.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li tali kamra ghandha tinghata sussidju differenti mill-kmamar partecipanti. Huwa ssuggerixxa wkoll li fil-kundizzjonijiet tal-edizzjoni li jmiss tizdied kundizzjoni li l-kamra tan-nar rebbieha ghandha taghmel diskors edukattiv fl-edizzjoni ta'wara. Il-Kunsill qabel mal-proposti.

13.11 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li l-kunsill jikkunsidra jestendi l-esklussivita' ghall-bejgh tal-ikel u x-xorb ta din is-sena lil min rebah l-offerta s-sena l-ohra. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni biex din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## <u>14.0 Traffiku u Parkegg</u>

14.1 Ma kien hemm xejn pendenti x'jigi diskuss matul din il-materja.

## <u>15.0 Bankini Balzunetta</u>

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li kien importanti li l-kuntrattur jibda' x-xoghol fil-bidu ta' Jannar appena jghaddu l-festi.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa x'kien ser isir fuq il-bollards ta Triq il-Konservatorju. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kienu replacmenet ghal dawk li kien hemm. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru mill-aktar fis.

## <u>16.0 Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna</u>

16.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien prova jaghmel kuntatt ma' xi hadd mill-Kunsill Lokali Belt Valletta izda kien ghad ma kellu l-ebda risposta.

16.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghandu jipprova jikkuntattja lil xi hadd hu sabiex jara kif jipprocedu fit-tlugh u l-inzul tal-bandiera mal-lejl. Il-Kunsill qabel.

## <u>17.0 Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi</u>

17.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li s-sottomissjoni li kellu l-Kunsill kienet teccedi ferm is-somma li kien ikkwota l-Perit.

17.2 Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ma kienx jaffordja jaghmel dan il-progett bil-fondi li gie moghti mill-Gvern Centrali.

17.3 Il-Vici Sindku qal li ghalhekk kien ser jipproponi li tinhareg sejha ghall-offerti ohra li fiha jkun hemm *estimated value* u jigi ccarat li dan il-valur m'ghandux jinqabez.

17.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien ircieva l-istima ta' Binja Vilhena u rrizulta li l-istima kienet iktar ghalja minn dik precedenti u ghalhekk id-differenza kienet ser titnaqqas mill-Progett ta' Binja Preziosi.

17.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm bzonn ta' arkeologista biex jara li x-xoghol ta hdejn il-Polverista storika ma jsirx b'mod li jaghmel dannu fuq l-istess polverista.

17.6 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog works order biex ix-xoghol hdejn il-Polverista jibda' malajr kemm jista' jkun.

## <u>18.0 Programm ta Hidma 2012-2015</u>

18.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ghadu ma rceviex kwotazzjonijiet ghal din il-pubblikazzjoni.

## <u>19.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju</u>

19.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li s'issa l-Kunsill ma kien ircieva l-ebda risposta dwar il-fanali ornamentali fi Pjazza San Publju.

19.2 Is-Sindku qal li hu kien jhoss li ghandu jikteb lill-Ministru Joe Mizzi dwar dan ghax jidher li l-Kunsill ma kien qed jasal imkien kemm f'dan ir-rigward kif ukoll rigward il-Gnien tal-Mall.

19.3 Huwa kompla billi qal li jekk is-sitwazzjoni ser tibqa' tali allura ser jipproponi li l-Kunsill jiehu azzjoni mod iehor.

19.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din il-materja kienet ilha pendenti hafna u ghalhekk issuggerixxa li l-Kunsill jiehu l-ahhar pass u jikteb lill-Prim Ministru sabiex jassigura li din il-materja titranga.

19.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta dwar l-gheluq tal-Mall. Is-Sindku wiegeb li ma kienx ircieva risposta fuq din il-materja lanqas.

19.6 Is-Sindku ippropona li tinghata data ta' skadenza ghal twegiba lill-Ministru Joe Mizzi. Is-Sindku qal ukoll li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jibda jaghti t-twegibiet.

**Nota: 20:11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

19.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jibdew jigu ccirkolati l-minuti tal-VFRP. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-progett tal-funtana tat-Tritoni kien ser jitlesta zgur sal-2018 u li kellu informazzjoni li kien ser isir xi xoghol ta' ristawr fuq il-funtana u t-torri ta' Wignacourt.

19.9 Is-Sindku ssuggerixxa li tintalab laqgha mal-Ministru Owen Bonnici rigward il-bzonn kbir ta' ristawrazzjoni fil-lokalita'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 20.0 Attivitajiet kongunti ma` ghaqdiet/entitajiet lokali

20.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-fond ghall-attivitajiet li jittellghu b'mod kongunt mal-ghaqdiet jizdied ghal €5000.

20.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li fis-sena li ghaddiet il-fond kien gie allokat kollu izda ma kienx ittiehed kollu minhabba li kien hemm ghaqda partikolari li minkejja li applikat ghall-fondi, ma kinietx giet ghalihom.

20.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien importanti li jsir moniteragg tal-attivitajiet li jigu approvati u mtellghin b'mod kongunt mal-ghaqdiet lokali.

20.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li tintbaghat ittra lill-ghaqdiet kollha fejn tinformahom li l-Kunsill kien ser jaghmel *capping* sabiex kulhadd ikollu cans japplika.

20.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li kien wasal iz-zmien sabiex ikun hemm iktar serjeta' f'dawn l-attivitajiet kif ukoll li jsiru kriterji ghall-applikazzjonijiet li jkunu jinkludu kundizzjonijiet specifici. Huwa qal ukoll li l-Kunsill jista' jikkunsidra li l-ghaqdiet jinghataw zmien specifiku sa meta jistghu jinformaw lill-Kunsill bl-offerta' taghhom ghaz-zamma ta' attivita' b'mod kongunt mal-Kunsill.

20.6 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu ma jaqbilx li l-Kunsill jikkunsidra li jinforma lill-ghaqdiet lokali li l-fond kien ghola u dan minhabba li jhoss li xi ghaqdiet setghu japprofittaw ruhhom u jitolbu iktar minn dak li hemm bzonn.

20.7 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal ukoll li l-minuti kienu pubblici u ghalhekk l-ghaqdiet setghu jaraw x'gie deciz mill-Kunsill online.

**Nota: 20:30 Il-Kunsill qabel li jestendi l-laqgha.**

20.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li biex il-Kunsill idahhal attivita' fil-kalendarju tal-attivitajiet tieghu irid ikollu l-*cash flow* necessarja u kien ghalhekk li kien importanti li l-Kunsill ikun avzat ammont ta' zmien minn qabel sabiex jassigura dan.

20.9 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li mhux l-ghaqdiet lokali kollha ser ikunu kapaci jinformaw lill-Kunsill minn daqshekk qabel.

20.10 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ghaqdiet bilfors ikollhom japplikaw tal-anqas xahar qabel u dan minhabba li tali applikazzjoni riedet tigi approvata fil-laqgha tal-Kunsill.

20.11 Il-Kunsill qabel li l-massimu li l-Kunsill seta' johrog f'attivita` kongunta ma kull entita' kien ta' €450 u li l-fond ma setax jeccedi l-€5000.

20.12 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offra li l-Kunsill jorganizza attivita' ghall-Ghawdex b'mod kongunt mieghu. Il-Kunsill approva u qabel li ladarba din l-attivita' kienet ser tinzamm fl-2015, allura din kellha tkun parti mill-fond li gie allokat ghal dik is-sena.

## 21.0 Aġġornament tal-laqgħa

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2015 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-20.45.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv